# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2006/0142(COD)**

11.03.2008

# EMENDI TA' KOMPROMESS 13-40

**Abbozz ta' rapport**
**Henrik Lax**
(PE 402.738v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi

Proposta għal regolament
(COM(2006)0403 – C6-0254/2006 – 2006/0142(COD))

AM_Com_LegCompr

**Emenda 13**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-applikant għandu jidher personalment għall-ewwel reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi. Sabiex tkun iffaċilitata l-proċedura ta' kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti, għandu jkun possibbli li d-data bijometrika tiġi kkupjata mill-ewwel applikazzjoni fi żmien ***48 xahar*** meta jitqies il-perjodu ta'żamma stabbilit fill-VIZ. Wara dan il-perjodu l-identifikaturi bijometriċi għandhom jinqabdu għal darb'oħra. | (13) ***L-applikanti li japplikaw għall-ewwel darba m'għandhomx jitħallew jissottomettu applikazzjonijiet permezz ta' intermedjarji kummerċjali, bħall-aġenziji ta' l-ivvjaġġar.*** L-applikant għandu jidher personalment għall-ewwel reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi. Sabiex tkun iffaċilitata l-proċedura ta' kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti, għandu jkun possibbli li d-data bijometrika tiġi kkupjata mill-ewwel applikazzjoni fi żmien ***59 xahar*** meta jitqies il-perjodu ta'żamma stabbilit fill-VIZ. Wara dan il-perjodu l-identifikaturi bijometriċi għandhom jinqabdu għal darb'oħra. |

Or. en

**Emenda 14**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Viża bi dħul multiplu għandha tinħareġ biss fil-pajjiż ta' residenza ta' l-applikant sakemm l-applikant jista' juri li hija meħtieġa eċċezzjoni. F'każijiet ta' eċċezzjoni bħal dawn, il-viża tista' tinħareġ ukoll f'pajjiż terz ieħor bil-kunsens minn qabel tal-missjoni diplomatika jew konsolat responsabbli** |

***mill-pajjiż ta' residenza ta' l-applikant.***

Or. en

**Emenda 15**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru ***li fit-territorju tieghu tinsab l-unika destinazzjoni jew id-destinazzjoni ewlenija taz-zjara, jew*** | (a) il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru ***biss ta' destinazzjoni jew, fejn se sseħħ iż-żjara f'bosta Stati Membri, il-missjoni diplomatika jew il-konsulat ta' kwalunkwe Stat Membru tad-destinazzjoni. Tranżitu ta' ajruport m'għandux jikkwalifika bħala żjara jew bħala raġuni biex titressaq applikazzjoni għal viża fil-missjoni diplomatika jew konsulat ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu qed iseħħ it-tranżitu; jew*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni ewlenija ma jistax jiġi determinat***, il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru ***li d-detentur tal-viża jaqsam il-fruntiera esterna tiegħu biex jidħol fit-territorju ta' l-Istati Membri***. | (b) il-missjoni diplomatika jew il-post konsolari ta' Stat Membru ***ieħor li jirrappreżenta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew kull wieħed mill-Istati Membri tad-destinazzjoni skond it-termini ta' arranġament skond l-Artikolu 7(2a) jew (2b)***. |

Or. en

**Emenda 17**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta ssir applikazzjoni għal viża bi dhul multiplu, l-Istat Membru tad-destinazzjoni tas-soltu għandu jkun responsabbli biex tkun ipprocessata l-applikazzjoni. Dawn il-viżi jistgħu jinħargu biss fil-pajjiż tar-residenza ta' l-applikant.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri b'nuqqas ta' rappreżentazzjoni tagħhom f'pajjiż terz għandhom jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentazzjoni ma' Stati Membri oħrajn li għandhom missjonijiet diplomatiċi jew konsulati f'dan il-pajjiż.*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Bil-ħsieb li jkun żgurat li infrastruttura ta' trasport fqira jew distanzi twal f'reġjun speċifiku jew zona ġeografika ma jeħtieġux sforz sproporzjonat min-naħa ta' applikanti tal-viża biex ikollhom aċċess għal missjoni diplomatika jew konsulat, l-Istati Membri b'nuqqas ta' rappreżentanza tagħhom f'dan ir-reġjun jew zona għandhom jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza ma' Stati Membri oħrajn jew konsulati f'dan ir-reġjun jew zona.*** |
| | ***Linjigwida dwar jekk vjaġġ lejn missjoni diplomatika jew post konsulari għandu jinkludi sforz spoporzjonat għandhom jitfasslu għal kull pajjiż li jospita fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni konsulari lokali. Dawn il-linjigwida għandhom iqisu, fost l-oħrajn, distanzi u infrastruttura ta' trasport u għandhom ikunu pubbliċi.*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din il-konsultazzjoni ghandha tkun minghajr pregudizzju ghall-iskadenza tazzmien ghall-ezami ta' l-applikazzjonijiet ghal viza, stabbilti fl-Artikolu 20(1). | 2. Din il-konsultazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-iskadenza taż-żmien għall-eżami ta' l-applikazzjonijiet għal viża, stabbilti fl-Artikolu 20(1). ***F'każijiet ta' eċċezzjoni dan il-limitu ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***żmien jista' jkun estiż fir-rigward ta' informazzjoni akkwistata mill-konsultazzjoni biex ikunu jistgħu jsiru aktar inkjesti.*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet centrali kkonsultati ghandhom jirreagixxu fi zmien ***tlitt*** ijiem minn meta jircievu t-talba. In-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet ikkonsultati f'dan it-terminu għandha titqies bħala awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet ċentrali li jikkonsultaw biex jippermettu lill-missjoni diplomatika jew lill-post konsulari tagħhom biex toħroġ il-viża. | 2. L-awtoritajiet ċentrali kkonsultati għandhom jirreaġixxu fi żmien ***ħames*** t'ijiem minn meta jirċievu t-talba. In-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet ikkonsultati f'dan it-terminu għandha titqies bħala awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet ċentrali li jikkonsultaw biex jippermettu lill-missjoni diplomatika jew lill-post konsulari tagħhom biex toħroġ il-viża. |

Or. en

**Emenda 22**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Għal dan l-appuntament jista' jsiru arranġamenti direttament mal-missjoni diplomatika jew mal-post konsulari jew fejn applikabbli, permezz ta' | 2. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Għal dan l-appuntament jista' jsiru arranġamenti direttament mal-missjoni diplomatika jew mal-post konsulari jew fejn applikabbli, permezz ta' |

| | |
|---|---|
| intermedjarju. L-appuntament għandu jseħħ fi żmien ġimagħtejn. | intermedjarju. L-appuntament għandu, ***bħala regola***, jseħħ fi żmien ġimagħtejn. |

Or. en

**Emenda 23**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt (b)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jippreżenta dokument ta' l-ivvjaġġar validu li d-data ta' l-iskadenza tiegħu ***trid*** tkun mill-inqas tliet xhur wara t-tluq maħsub mit-territorju ta' l-Istati Membri, u li fih paġna waħda jew aktar liberi għat-twaħħil tal-viża; | (b) jippreżenta dokument ta' l-ivvjaġġar validu li d-data ta' l-iskadenza tiegħu ***għandha*** tkun mill-inqas tliet xhur wara t-tluq maħsub mit-territorju ta' l-Istati Membri, u li fih pagna waħda jew aktar liberi għat-twaħħil tal-viża; |

Or. en

**Emenda 24**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt (b a) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) parteċipanti fi programmi ta' skambju ta' l-istudenti;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt (c a) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) parteċipanti ta' l-età ta' 25 sena u inqas f'avvenimenti sportivi, kulturali jew tas-soċjetà ċivili ta' mingħajr profitt;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt (c b) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) persuni li jiġġustifikaw il-ħtieġa tagħhom li jivvjaġġaw fuq bażi umanitarja, fost l-oħrajn meta ħajjithom hija f'riskju u pajjiżhom ta' residenza ma jistax jipprovdi t-trattament mediku meħtieġ, u l-persuni li jakkumpanjawhom.*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 4(a),*** |

***familji li jivvjaġġaw b'aktar minn żewġ t'itfal m'għandhomx ikunu meħtieġa li jħallsu t-tariffa amministrattiva fir-rigward ta' aktar minn żewġ t'itfal.***

Or. en

**Emenda 28**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. It-tariffa amministrattiva għandha tkun nofs il-miżata normali fir-rigward ta' applikazzjonijiet sussegwenti fi ħdan il-perjodu stipulat fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 11(2).*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt (a) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a) Meta jitqies bħala meħtieġ biex applikant jissejjaħ għal intervista, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq proċedura 'one-stop' fejn il-vjaġġ lejn il-missjoni diplomatika jew konsulat mill-post ordinarju ta' residenza ta' l-applikant jinkludi sforz sproporzjonat bi qbil mal-linjigwida stipulati fl-Artikolu 7(2b).*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt (b) (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) Intervisti bit-telefown u konnessjonijiet permezz tal-vidjows jistgħu jkunu permessi f'ċerti każi, fost l-oħrajn, fejn l-applikant għandu reġistru ta' viża pożittiv bi qbil ma' l-Artikolu 42c jew fejn il-vjaġġ għall-missjoni diplomatika jew konsulat mill-post ordinarju ta' l-applikant jinkludi sforz sproporzjonat bi qbil mal-linjigwida stipulati fl-Artikolu 7(2b).*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 u subparagrafu 2, parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-vizi bi dhul multiplu***, li jintitolaw lid-detentur għal diversi dhul, żjarat ta' tliet xhur jew diversi tranziti matul kwalunkwe nofs ta' sena, ***jistgħu jinħarġu b'perjodu ta' validità ta'*** massimu ta' 5 snin. | 3. ***Il-missjonijiet diplomatiċi jew konsulati għandhom joħorġu viżi bi dħul multiplu,*** li jintitolaw lid-detentur għal diversi dħul, żjarat ta' tliet xhur jew diversi tranżiti matul kwalunkwe nofs ta' sena, ***b'perjodu ta' validità ta' 12-il xahar fejn l-applikazzjoni hija approvata***.<br>***F'każi ġustifikati b'mod xieraq, viża bi dħul multiplu b'perjodu ta' validità ta' aktar minn 12-il xahar sa*** massimu ***ta'*** 5 snin ***tista' tinħareġ***.<br>***F'każi ġustifikati b'mod xieraq, fejn il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħruġ ta' viża bi dħul multiplu mhux xieraq, viża bi dħul uniku b'perjodu ta' validità ta' 6 xhur tista' tinħareġ.*** |
| Il-kriterji li ġejjin huma b'mod partikolari rilevanti għat-teħid tad-deċiżjoni biex jinħarġu dawn il-viżi: | Il-kriterji li ġejjin huma b'mod partikolari rilevanti għat-teħid tad-deċiżjoni biex jinħarġu dawn il-viżi ***bi dħul multiplu b'validità ta' aktar minn 12-il xahar***: |

Or. en

**Emenda 32**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt (a)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-bżonn ta' l-applikant li jivvjagga ta' spiss u/jew regolarment minhabba l-istat okkupazzjonali jew familjari tiegħu/tagħha, bħan-negozjanti, l-impjegati taċ-Ċivil li jkollhom kuntatti ufficjali regolari ma' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-membri tal-familja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, il-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri, il-baħħara, | (a) il-bżonn ta' l-applikant li jivvjagga ta' spiss u/jew regolarment minhabba l-istat okkupazzjonali jew familjari tiegħu/tagħha, bħan-negozjanti, l-impjegati taċ-Ċivil li jkollhom kuntatti ufficjali regolari ma' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-membri tal-familja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, il-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri, il-baħħara, ***sewwieqa professjonali li jaqsmu l-fruntieri b'mod regolari u parteċipanti fi programmi ta' skambju u f'attivitajiet regolari oħrajn tas-soċjetà ċivili***, |

Or. en

**Emenda 33**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li l-missjoni diplomatika jew l-uffiċju konsulari tiegħu tkun ħarġet l-LTVs fil-każijiet deskritti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandhom minnufih jiċċirkolaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħrajn. | 2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li l-missjoni diplomatika jew l-uffiċju konsulari tiegħu tkun ħarġet l-LTVs fil-każijiet deskritti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandhom minnufih jiċċirkolaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħrajn. ***Fejn, fil-każ stipulat fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonsultat skond il-proċedura ta' konsultazzjoni ta' qabel ressaq objezzjonijiet, l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru kkonsultat għandhom ikunu provduti bl-informazzjoni relevanti fil-ħin qabel ma' tinħareġ il-viża.*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-applikanti li ma jingħatawx viża għandu jkollhom id-dritt għall-appell. L-appelli għandhom jitmexxew skond il-liġi nazzjonali. Għandha tingħata indikazzjoni bil-miktub tal-punti ta' kuntatt sabiex tipprovdi tagħrif dwar rappreżentanti kompetenti li jaġixxu f'isem l-applikanti skond il-liġi nazzjonali lill-applikanti. | ***3. L-applikanti li ma jingħatawx viża għandu jkollhom id-dritt għall-appell. Fejn l-applikanti jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jappellaw, reviżjoni dettaljata tad-deċiżjoni u tar-raġunijiet għal rifjut għandha titwettaq. L-applikant għandu jkun infurmat bir-riżultati tar-reviżjoni kif ukoll ikun provdut b'aktar raġunijiet dettaljati dwar għaliex il-viża kienet*** |

| | |
|---|---|
| | ***rifjutata.*** |
| | ***L-appelli għandhom jitmexxew skond il-liġi nazzjonali. Għandha tingħata indikazzjoni bil-miktub tal-punti ta' kuntatt sabiex tipprovdi tagħrif dwar rappreżentanti kompetenti li jaġixxu f'isem l-applikanti skond il-liġi nazzjonali lill-applikanti.*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġabra ta' dejta bijometrika skond l-Artikolu 11 għandhom japplikaw b'mod xieraq, minbarra li d-dejta bijometrika se tinġabar u mdaħħla fil-VIŻ mill-awtoritajiet responsabbli mill-ħruġ ta' viżi fil-fruntiera.*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt (c)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) il-kuntratti mal-linji ta' l-ajru, li jridu jinkludu*** vjaġġi bir-ritorn ***iffissat*** 'il barra u ***ggarantiti***. | (c) ***arranġamenti kredibbli għall***-vjaġġi 'l barra bir-ritorn. |

Or. en

**Emenda 37**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Għandu jkun stabbilit sit komuni ta' l-internet dwar il-viża Schengen sabiex jiżdied l-appoġġ għall-applikazzjoni tal-politika komuni dwar il-viża. Dan is-sit ta' l-internet għandu jappoġġja wkoll l-immaniġġjar tal-proċedura tal-viża.*** |
| | ***L-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali kif stipulata fil-punti minn 1 sa 7 għandha tkun disponibbli permezz tas-sit komuni ta' l-internet dwar il-viża Schengen.*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 42a*** |
| | ***Analiżi*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tagħmel analiżi ta' l-impatt ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament u l-arranġamenti ta' koperazzjoni konsulari lokali bejn l-Istati Membri rigward il-proċeduri tal-viża. Attenzjoni partikulari*** |

***għandha tingħata għall-ħtiġijiet speċjali tal-kumpaniji tal-bastimenti tal-ġarr tal-passiġġieri u kumpaniji tat-turisti li jwettqu u jipprovdu servizzi fir-reġjuni tal-fruntiera taz-zona Schengen, il-kwistjonijiet ta' bijometriċi u dispożizzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar u s-simplifikar tal-proċedura tal-viża. Wara din l-analiżi, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament.***

Or. en

**Emenda 39**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 42c*** |
| | ***Vjaġġaturi frekwenti*** |
| | ***Jekk l-applikant ikkonforma b'mod sħiħ mal-kundizzjonijiet tal-viża matul tliet perjodi tal-viża konsekuttivi fl-Istati Membri fi żmien perjodu ta' ħames snin (reġistru tal-viża pożittiv), u jekk l-applikant japplika għal viża fi żmien ħames snin mill-iskadenza ta' l-aħħar mit-tliet viżi meħtieġa, l-applikant se jkun intitolat li jibbenefika minn proċedura simplifikata.*** |
| | ***Il-proċedura simplifikata tista' tinkludi l-għoti ta' viża bi dħul multiplu b'perjodu ta' validità itwal, ebda ħtieġa ta' intervista, inqas dokumenti ta' prova u partijiet mill-proċedura ta' l-applikazzjoni tal-viża għandhom ikunu possibbli bl-internet.*** |
| | ***Din il-proċedura simplifikata għandha tkun definita aktar fl-istruzzjonijiet dwar l-applikazzjoni prattika tal-Kodiċi tal-Viża*** |

***stipulat fl-Artikolu 45.***

Or. en

**Emenda 40**
**Henrik Lax**
Emenda ta' kompromess

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 42d*** |
| | ***Il-proċedura għat-tneħħija mis-sistema tal-viża*** |
| | ***Meta pajjiż terz jissodisfa l-kundizzjonijiet, bħal rati baxxi ta' rifjut, applikazzjoni ta' ftehima ta' ammissjoni mill-ġdid, persentaġġ baxx ta' ċittadini li jibqgħu f'pajjiż għal żmien itwal milli tippermettilhom il-viża u għadd żgħir ta' individwi li jiġu ddeportati minħabba xogħol illegali, il-Kummissjoni għandha tqis jekk tipproponi jew ma tipproponix li tneħħi l-obbligu tal-viża għal dan il-pajjiż skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001.*** |

Or. en